# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

**XEJN MHU TAGHNA**
**DAQS KEMM HU TAGHNA IL-MALTI**

**It-Tielet Sena** **April 1933** **No. 26**

Stampât fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEĦEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**APRIL 1933]** **IT-TIELET SENA** **[Nru 26**


## GĦALL-MALTIN FUQ KOLLOX IL-LSIEN MALTI

Fit-tieni ktieb tiegħu tal-Grammâtka tal-Malti li ħarġet fl-1845, il-Kanonku Fortunat Panzavecchia, fil-faċċ. 64, kiteb: "Sa issa semmejtilkom fuq il-grammâtka tal-Lsien il-Malti, issa fuq kollox nixtiek inħajjarkom b'qalbi kollha titgħallmu l-lsien tagħna għall-gid tagħkom. Minn għalija, barra milli jiswielkom biex titgħallmu ilsna oħra, għandi fehma qawwija illi jaħbtilkom ukoll għall-aħħar sew biex wieħed ikun jaf aħjar iġib ruħu tajjeb, u sew biex jiġi l-quddiem fis-snajja, fix-xogħol u aktar jinqala' għall-kummerċ. U dan igħiduh l-aqwa għorrief barranin għal-lsien tagħhom; insemmilkom biss biss lil Napione li qalu fil-ktieb tiegħu fuq il-lsien it-taljan. Barra mn'hekk, aħna nixtequh il-lsien tagħna l-Malti jiġi l-quddiem bħala lsien ta' pajjiżna, din il-ħaġa waħda li aħna nistgħu bil-jedd kollu ngħidu li hi tagħna, bla ma tinsab taħt il-ħakma ta' ebda ħadd, u tiswielna biex nżommu ruħna dejjem rabta waħda bejnietna ta' aħwa li aħna."

Meta Dr Ġalanton Vassallo kiteb it-*Tifkira lil Malta*, kollox faħħar li jinsab fil-Gżira tagħna, in-nîr tas-sema, id-dawl tax-xemx li jsaħħan bla ma jxawtek, u jqawwik, il-gid li tati, l-insiġ ta' idejn uliedha msemmi sa minn elfejn sena ilu, il-ħajja u l-benna tal-art bl-għelejjel u s-siġar tagħha tal-frott, il-warda bil-fwieħa tagħha, il-għasel imqar f'isimha, kollox faħħar fiha; baqa', jaħasra! ma semmiex il-lsien tagħha: l-isbaħ u l-aqwa mit-tifkiriet tagħha ta' eluf ta' snin ilu.

Dak li ma għamilx Vassallo, għamlu Patri Magri (faċċ. 138 tal-"Għerf bla miktub tal-Maltin") fejn kiteb:

"Kitbu bosta għorrief li misserijietna avvolja mill-aqwa nies għas-snajja, għall-bini,għall-kummerċ,għal fuq il-baħar, għall-gwerer, għall-għana, għall-għaqal għax-xogħol, ma kenux jinqalgħu għall-kitba ta' ħwejjeġ sbieħ,għax moħħom kien fil-qliegħ. Dan kitbuh għax ma kenux jafu x'fadal fil-lsien Malti u għax bosta mill-kitba tal-Feniċi ntilfet għal kollox. Iżda mindu nsabu l-ittri li kitbu l-Feniċi lis-slaten tal-Eġittu, ħabta tal-1500 sena qabel Kristu Sidna, l-ikbar għorrief tad-dinja ġew jafu li l-Feniċi kienu jiktbu ħlewwa u ġmiel bħal għamla tal-kitba tas-sultan David fis-salmi tiegħu. Bi kliem ieħor, kienu jiktbu mill-isbaħ li qatt inkiteb fid-dinja." Hawn xtaqt inġib kliem David fuq ix-xemx, u mbagħad kliem il-Malti fuq ix-xemx, kif iqassam il-jum u l-ħinijiet tiegħu b'għerf, ħlewwa, benna u ġmiel li ma bħalhom: inġib biss dan, inklelè ntawwal wisq: "Ara u tiegħem: jibda *jbexbex... ħajta dawl..*, *iżernaq* u *jisbaħ... Wara s-sebħ, ix-xemx tagħmel in-nhar*,u nibdew ingħidu *bi-nhar* sakemm hi ma *tgħejbx*. Hadd ma jaf jitkellem fuq id-dawl bħalna." X'għaġeb li Patri Magri (faċċ. 34) jisħon għal "Maltin li għandhom wiċċ imaqdru lsien ommhom!"

Meta l-Maltin, ħabta ta' 500 sena qabel il-Miġja ta' Kristu, kienu *sħab* u jagħmlu mal-Feniċi ta' Kartaġni, kellhom ir-rajj f'idejhom u kellhom il-lsien tagħhom (jekk kemm il-darba ma kienx eqdem ukoll!), jiġifieri l-Malti jgħodd *talanqas* 2500 sena. Patri Magri jrid ifisser li l-lsien il-Malti ġejj mis-Sorija, u li mhux għaġeb li jilħaq il-5000 sena. "Il-għajnejn tal-għorrief tad-dinja huma fuq dan il-għerf; għaliex bih nistgħu nilħqu nifhmu x'kienu jaħsbu, x'kienu jemmnu, x'kienu jgħidu u jagħmlu, eluf ta' snin ilu, dawk in-nies imfaħħra mad-dinja kollha, li aħna l-Maltin, imnissla minnhom" (faċċ. 159).

Annibale Preca bil-"*Malta Cananea*" * miktub aktar minn ħamsin sena ilu (għad li ħareġ fl-1904 bħala *tifkira*

---

* Fl-Istitut Fra Diego tal-Hamrun insabet moħba żgħira ta' dan il-Ktieb b'erba' xelini l-wieħed.

*tiegħu*, biex xogħol bħal dak ma jintilifx), ried ifisser li l-Malti mhux Feniċju u anqas Lhudi, u la Għarbi jew anqas Sirjak, għad li aktar imil mal-Lhudi tal-Palestina. Napuljun Tagliaferro ħajjru jmur il-quddiem b'dan ix-xogħol, li qamlu lil Preca għaxar snin taħbit il-moħħ. Għorrief taljani bħal Teza, Ignazio Gwidi, de Gubernatis, Lasinjo, Terenzio Pantucci, Dwornick, u l-Kardinal Lavigerie faħħrulu x-xogħol tiegħu. Fortunat Mizzi laħaq ħariġlu fil-*Gazzetta di Malta* l-ewwel seba' kapitli tal-Ktieb tiegħu, imbagħad ħareġ fi ktieb ta' dwar it-800 faċċata fl-istamperija tiegħu: hu u Preca kienu ħbieb ħafna.

Iċ-*Ċiviltà Cattolica* (7 ta' Frar 1903) faħħret il-lsien Malti: "Ħaġa tal-għaġeb kif f'bieb l-Ewropa fis-seklu għoxrin għadhom jinsabu f'fomm in-nies ħrejjef li jfakkruk fit-tagħlim, fil-fehmiet u fl-allat tal-eqdem żmenijiet tas-semin. Nixtiequh ix-xogħol ta' Patri Magri (*Ħrejjef Misserijietna*) li qiegħed joħroġ, jibqa sejjer dejjem il-quddiem b'wiċċ il-ġid biex jingħarfu dejjem ħwejjeġ akbar fuq nisel il-Maltin u nistgħu dejjem iżjed ingħożżu l-lsien il-Malti, li jistħoqqlu kull ġieħ għall-qedem tiegħu u għal għerf li maħżun fih fuq il-ġrajja tal-eqdem żmenijiet."

U mbagħad issib min imaqdar il-lsien il-Malti! Fil-"*Filologo*" (14 ta' Lulju 1840), Dun Salv Cumbo jsemmi fuq kemm imisshom in-nies tax-xogħol, u l-bdiewa jafu jiktbu bil-Malti; fuq kemm jiswielhom biex imorru l-quddiem fis-sengħa tagħhom, u kemm aktar iroddilhom ir-raba' u mhux billi jitgħallmu b'ħafna taħbit ilsien ieħor." U anqas ma jiswielhom għal xejn jekk imbagħad jitilquh nofs ta' trîq, bħalma aktarx jiġri biex jeħduhom fuq ix-xogħol bla ma tgħallmu u la ħaġa u l-anqas oħra! inżid ingħid jien.

Anton Emm. Caruana, fid-daħla tal-"*Vocabolario*" tiegħu (faċċ. 7.) igħid illi l-lsien tagħna l-Malti jiswa biex igħallem lin-nies tax-xogħol id-dmirijiet tagħhom ta' nsara u ta' nies u ssib illi kull nazzjon tfittex titgħallem sewwa l-lsien tal-art tagħha. Barra mn'hekk, il-Malti mhux ilsien ma jafux bih fid-dinja, għaliex dwar il-mija u għoxrin ġens ta' nies jitkellmu lsien għandu ħafna mill-ilsien tagħna u

bħalxejn jistgħu jiftiehmu bejniethom u aħna l-Maltin bil-lsien tagħna nżommu dejjem ruħna marbutin ħaġa waħda mal-eluf il-kbar ta' Maltin imxerrdin mad-dinja.

Kelm'oħra u biżżejjed: Is-Sultan Despwig it-23 ta' Settembru 1739 ħalla legat f'idejn il-Gvern ta' żmienu ta' 195 skud fis-sena biex ta' kull xahar issir priedka f'San Ġwann minn għand Ġiżwita; nistħajjel li kellu fehma ssir *bil-Malti* biex il-Maltin ta' żmienu jifhmuha u jtegħmuha u tkunilhom ta' gid għal ruħhom. Meta snin ilu għaddejt xi xahar l-Arġiel, qalli wieħed qassis franċiż: "Biex isir il-gid tassew, jinħtiġilhom il-Maltin ikollhom hawn qassisin maltin, għaliex għalkemm il-franċiż jitkellmuh, kullħadd iħobb jisma l-kelma t'Alla b'ilsien pajjiżu u jqerr bil-lsien tiegħu.

Is-Sur Fons.

# KEWKBIT-IS-SAFAR*

## SUNETT

Int biss ma titħarrekx; u kull f'l-għaxija
fil-jiem li naħrab ta' l-ibliet is-sħana,
minn sema safi, jbajjad b'l-oħla dija,
tidhirli tlebleb fuq it-tramuntana;

u waqt li ħutek, b'sengħa mingħajr ħtija,
jiżfnu ma' dwarek bħal xbejbiet ferħana,
inti bil-qegħda, qisek omm għaqlija
taħkem iż-żifna b'ħarsa ta' sultana.

Int biss ma titħarrekx, kewkba sabiħa,
biex it-triqat tal-baħar lill-qalbiena
turi fix-xorti tajba w fil-ħażina.

Oh! jekk għożża ta' wlied u sedqa sħiħa
mexxew raġel lejn art fejn ma sabx ħniena
int arġa' wasslu d-dar, kewkba ħanina.

10/2/33

Dun Karm.

* Lil min ma jafx tajjeb ingħidulu li Kewkbit-is-safar hi dik il-kewkba li tidher dejjem naħa waħda fit-tramuntana u li l-għorrief isejħulha *Stella Polaris.*—*N. tad-D.*

# L-ISTORJA TAS-SALIB

Is-salib li fuqu miet Ġesù Kristu għandu hu wkoll l-istorja tiegħu, li nistgħu nqassmuha f'żewġ taqsimiet: waħda mill-mewt ta' Kristu 'l quddiem, l-oħra mill-mewt ta' Kristu 'l ura; waħda tgħidilna l-ġrajja tas-salib mindu sabitu Santa Liena sal-lum, l-oħra turina x'kienu jaħsbu l-insara taż-żmenijiet il-qodma fuq nisel is-salib imqaddes jew fuq is-siġra li minnha inħadem is-salib. Fuq din it-tieni taqsima biss biħsiebi nitkellem, mhux bħala mogħdija taż-żmien, iżda biex nuri kif moħħ il-bniedem jati sura u ħajja lil-ħsieb tiegħu, kif jinseġ storja biex ifisser bi ġmiel u b'qawwa akbar dak li jħoss f'qalbu.

Għalina, s-salib imqaddes kien maħdum minn għuda maqtugħa minn siġra li ma kellha xejn aktar minn siġar oħra. Mhux hekk kienu jaħsbu dari. Dik is-siġra kellha tkun siġra tal-għaġeb biex jistħoqqilha ssir is-salib ta' Kristu,u billi l-aktar siġra tal-għaġeb kienet is-siġra tal-ħajja mħawwla f' nofs il-ġenna tal-art, l-insara malajr qabblu ma' din is-siġra s-siġra tas-Salib imqaddes.

Insibuha miktuba l-ewwel darba fis-sêklu 12. Tgħid hekk: "Adam kien marid u kellu wġigħ kbir; bagħat 'l ibnu l-ġenna tal-art u l-anġlu tâh fergħa mis-siġra tal-ħajja, u Adam, li kien jaf xinhi dik is-siġra, ħawwilha u saret siġra kbira. Żmien twil wara, huma u jibnu t-tempju ta' Salamun, ġiebu għawied minn kullimkien u fosthom travu minn dik is-siġra wkoll. Iżda baqa' żejjed u rmewh. Meta s-sultana ta' Saba marret iżżur is-sultan Salamun, rat dak it-travu u tâtu qima. Wara tefgħuh f'għadira jew menqa li fi żmien Kristu nixfet u għalhekk it-travu reġa' deher. Tellgħuh u minnu għamlu s-salib ta' Kristu."

Dik il-ħabta, fis-sêklu 12 ukoll, insibuha miktuba b'għamla ftit u xejn imbiddla: "Fi żmien is-sultan David, raġel mar f'masġar, ra siġra li għoġbitu, qatagħha u ġiebha lis-sultan. Stagħġeb biha s-sultan u ksieha bid-deheb u beda jatiha qima ta' kulljum. Hekk ukoll għamel ibnu Salamun. Meta s-sultana ta' Saba marret iżżur is-sultan Salamun u rât dak iż-żokk ta' siġra miksi bid-deheb qalet: Li kien jaf Salamun x'għad isir minn dik il-għuda, ma jatihiex qima imma jaħraqha, għax fiha għad jissallab bniedem li jġarraf is-Saltna tiegħu. Malli sema' Salamun dal-kliem, minnufih qaxxar dak it-travu mid-deheb u rmieh f'menqa, li fi żmien Kristu kienu jinżlu fiha l-morda u jfiqu. Fl-aħħar jiem tal ħajja ta Kristu l-menqa nixfet, u l-Lhud, malli raw it-travu, tellgħuh u għamlu bih is-salib."

Nistgħu naħsbu li din l-istorja, qabel ma nkitbet, kienet ilha ġejja minn żmien għal ieħor, u, bħalma dejjem jigri, aktarx dejjem tikber u tiżżejjen b'xi żjieda ġdida. X'uħud jaħsbu li l-eqdem għamla ta' din l-istorja hi t-tieni waħda li semmejna,

li fiha Adam ma jindaħal xejn. L-istorja ta' Adam marid li jibgħat 'l ibnu l-ġenna tal-art, naqrawha fi ktieb ieħor qadim li jismu *Il ħajja ta' Adam u Eva.* Jista jkun li minn din l-istorja ttieħdu xi xniexel biex aktar iżejjnu l-istorja tas-Salib u aktar ikabbru l-għaġeb tas-siġra tas-salib.

Hu xinhu din l-istorja kienet miżmuma f'dawk iż-żmenijiet b'għożża kbira, għax naqrawha fil-kotba ta' għorrief magħrufin għall-għerf u għat-tjieba tagħhom. Daħlet saħansitra fit-talb tal-Knisja. Fl-innu tal-Matutin tal-festa tas-Salib, nhar l-14 ta' Settembru, ngħidu:

. . . Alla. . . . . . . . . . . . . . .
ried mis-siġra li qatlitna
il-ħlas joħroġ ta' saħħitna.
. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .
Biex is-saħħa hekka tiġina
mnejn il-mewt ħarġet għalina.*

Jiġifieri, s-siġra li ġebitilna l-mewt bid-dnub ta' Adam, radditilna l-ħajja bil-mewt ta' Kristu.

B' xhieda ta' ġieh lejn il-Knisja ridt inġib hawn din l-istorja żgħira.

P. P. Saydon.

* Ara L. MIFSUD-TOMMASI, *L-inni mqaddsa*, faċċ. 99.

# GĦANJA

Iridu din qalbi joqtluli,
U qalb oħra jridu jġibuli—
Mhux qalb ommi,
Mhux qalb bħal din,
Li tagħtni sa 'ssa ġo fommi
Kliem ta' mħabba u mibegħda maltin;
Lè, qalb oħra, barranija!
Qalb li qatt u qatt ma ħabbtet
F'sider ta' malti ħija

Iżda jien jekk din qalbi joħduli,
Għal xejn qalb oħra jġibuli,
Għax ma' qalbi,
Jekk darba tmur,
Magħha tmur saħti, imur nifsi,
Tmur ruħi! u jiena mmut.

Ġ. Diacono

# IL-POËŻIJA TA' NINU CREMONA

(*Jorbot ma' faċċ. 16 tan-Nru. 25*)

Wara din il-għanja nilħqu Dell-il-Warrani, li tatina x-xbieha tal-imgħoddi mxebbħa fl-aħħar ħmura tal-għabex, li l-għannej żagħżugħ jistħajlu jilmaħ tgħib f'xefaq is-smewwiet ma' nżul ix-xemx, xħin kollox iħasseb f'ħajja ta' tkagħbir, niket u qtigħ-il-qalb. Jistħajjel daż-żagħżugħ, xewqan li jfittex xortih f'art oħra, li f'tarf biċċa mit-trîq ta' ħajtu jaħbat wiċċ imb'wiċċ ma' Xiħ li, fil-għakis ta' għomru, ixebbaħ dan ukoll it-tiġrib ta' ħajja mgħod-dija; jew aħjar l-imgħoddi ta' artna fin-nisġa ta' ġrajjietha l-ewle-nin, meta missirijietna biex ifittxu xortihom min jaf kemm il-darba ssugraw ħajjithom jaqsmu l-ibħra. Minn fomm ix-Xiħ il-poëta jfakkar f'qabil ġensna fl-ibgħad tal-bogħod. Igħid dan ix-Xiħ liż-żagħżugħ: aħna

"Ulied il-kbira Istar (1), dik il-muqrana,
Xbieha ta' Demm u Qawwa: fi tbatija
il-ġilda tagħna drât: fuq wiċċ l-art magħna
ġiet l-akbar nies f'turija.

U ma' dan ix-Xiħ jisokkta jgħarraf liż-żagħżugħ kif Bin-il-Għarfa li demmu hu demmna, kellu ħila jirbaħ kull imħatra li għamlitlu x-Xebba tal-Ġmiel. U kif din ix-Xebba tal-Ġmiel imbagħad rmiet għaqalha fuqu, imgħaxxqa bil-ħila ta' dehnu.

"Għożżot lit-Tfajjel, lir-Rebbieħ tax-Xorti.
—Ja Bin-l-Imħatri, qaltlu, Int għaddejt 'l Ommi.
Fqir iżda ħajjen, kemm hu twil għomorti
ħalli xuftejk ma' fommi.

"Dehen u saħħa f'demm qabiltek stenna.
Intik għajnejja u ta' fuq rasi d-dliel:
kull risq ta' ġmiel għalik: ħaffer u thenna
bil-ħdura tal-imwiel. (2)

"Mgħallem fl-imgħażqa, fil-moqdief, l-isbula
iġma' għall-ħażżieqa (3) u ġorr u lil uliedek
fuq l-iġfien għabbi mita tiġi l-lula.—
Tgħix b'ħiltek Alla riedek—"

---

(1) *Istar* jew Astaroth, waħda mill-allat tal-Feniċi. Fost xi wħud ix-xbieha tal-qilla u tas-saħħa u għalhekk muqrana (nota tal-Awtur)

(2) mirgħa; biċċa art tħaddar

(3) ħodon żara'.

Fil-kelmiet tax-Xbejba tal-Ġmiel, għandna l-itratt tal-ġens Malti miġbud b'tidwil ta' fantasija għammiela skond kif tidher fil-ħrejjef ta' missirijietna, l-għerf tagħhom bla miktub. Naraw il-Malti maħżuż bħala ħajjen għalkemm fqir, mimli bid-dehen u s-saħħa, ħaddiem ir-raba', u baħħar qalbieni. U hawn jaqbel ingħid li meta l-poëta fakkar fil-ġibda ta' niesna għat-tbaħħir, hu kellu quddiem għajnejh iċ-ċirkustanzi li kienet tinsab fihom Malta, dik il-ħabta li fassal din il-għanja, jiġifieri fi Frar ta' 1913. Minn għand ix-Xiħ iż-żagħżugħ tgħallem il-Għerf tal-ħajja li fih jiftakar kull meta minn quddiem għajnejh igħaddi d-dell li waqa' minn fuq trieqtu, dell li mlielu ruħu bi swied il-qalb, bil-biki li tħalli warajha l-Imħabba bla temma. U fuq in-nota li biha beda, il-għanja tiegħu tispiċċa f'daqqa, bħal dawl li jintefa wara l-iġbla:

Rajtek fix-xefaq tas-smewwiet ħamrani,
mal-għjieb ix-xemx fuq zokk ta' siġra mwaqqgħa,
wieqaf għal ftit, sakemm fil-lewn samrani
intfejt taħt l-għolja f'daqqa.

Din il-poeżija hi sabiħa tassew fit-tilwin tal-ħsieb, u t-tifsil tax-xbihat. Dnub imma li mhix dejjem ċara daqs kemm għandha tkun, u li xmindaqqiet il-versi jdoqqu jebsin għal fuq il-widna.

Wara *Dell-il-Warrani*, naqbdu t-tielet poeżija *Lil Ġesù*, miktuba għall-okkażżjoni tal-Kungress Ewkaristku (1913). F'din il-għanja wieħed jilmaħ personaġġi meħudin mid-dramm ta' Bovio "*Cristo alla Festa di Purim*", fejn dan l-awtur materjalista qies lil Kristu bniedem kbir iva, imma xejn iżjed, jiġifieri neżżgħu mid-divinità tiegħu. Ma għandniex xi ngħidu, Cremona, poeta Kattolku, inqeda b'dawn il-personaġġi b'ironija għal Bovio. Bħala xogħol ta' sengħa, "*Lil Ġesù*" ma tgħidhiex kerha, għalkemm il-versi huma sikwit iebsa, neqsin mill-ħlewwa ta' ritmu li għandu jinħass mimli u bla mxekkel fuq il-widna. Għidt li din il-poeżija hi jebsa f'xi bċejjeċ l-hawn u l-hemm. Inżid ingħid li fiha wkoll l-agħar nuqqas ta' Cremona: l-oskurità tal-ħsieb, imġebbed u mrabbat f'ħafna tidwir ta' kliem, qisu t-tkax-kir tas-serp. Naqraw flimkien għeluq il-poeżija u, fejn hu miktub bir-rqieq, araw jekk għandix raġun ingħid li l-ħsieb hu mrabbat f'ħafna tidwir ta' kliem nieqes mill-armonija tad-daqq li għandu jkollu il-vers maħdum bis-sengħa.

Imbierek dak ir-riħ u dik il-mewġa
li Leħnek ġiebet ġewwa ħdan dil-blata.
Imbierek Ismek ta' Ġesù fil-lsienna,
ta' Ġehova l-Feddej. *U biex dil-fewġa*

*li dlonk minn ħalq l-egħdewwa ddur ma' dwarna,*
*u trid tmewwet il-qlub, oħ xejn ma tagħmel,*
*(ħajr Lilek, ja Sultan) id-dinja kollha*
*biex il-qima tatik il-lum ġiet f'darna.*

*San Ġwann*, il-għanja li tilħaq wara, hi tweġiba għal poeżija li kien iddedikalu ż-żagħżugħ Ġ. Micallef, dik il-ħabta student fl-Università, u sieħbu fl-istudji tal-filoloġija, il-lum Ministru tal-Biedja u s-Sajd. F'din il-poeżija l-Awtur ried jinseġ fil-qasir, b'metru ġdid, l-istorja leġġendarja tal-Knisja Kunventwali tal-Ordni. Il-poeżija ħarġet sabiħa biżżejjed, imma hi wkoll aktarx maħnuqa b'tgħabija ta' allużżjonijiet storiċi, li meta huma mdeffsin ġo xulxin wisq, ifixklu r-refgħa lirika ta' ruħ il-poeta u jġagħluh jidher aktarx kittieb-il-ġrajja milli Għannej il-Ġmiel. Jaqbel infiehem hawn li l-istorja għal-poeta, jekk irid jogħġob, m'għandhiex tkun l-ewwel ħaġa li jfittex; ma jimpurtax jekk ma jsemmix il-ġrajjiet bir-reqqa, jew rabta ta' bejniethom, kollha. Xogħol bħal dan jagħmlu l-istoriku; il-poeta mill-istorja għandu jiġbed biss dak li hu jista' jagħġnu ma' ruħu u ma' demmu, sa ma tfawwar minn qalbu l-għanja li ssawwar ir-ruħ f'sakra ta' armonija. Dnub li xmindaqqiet Cremona jħalli l istorja bħala storja tirkbu żżejjed u b'hekk il-poeżija titlef mis-sħana ta' qalbu, toħroġlu aktarx bierda, u għajjiena. Madankollu f'*San Ġwann* hemm fejn hu jidher fl-aħjar tiegħu wkoll, fil-qawwa ta' ħsiebu, fit-tifwir tal-fantasija tiegħu. Naqta żewġ strofi li fihom il-poeta jiġbor tliet tifkiriet minn ġrajjiet-Artna; jiġifieri t-tifkira ta' Mattija Preti li pinġa s-saqaf ta' San Ġwann, it-tifkira ta' Napuljun "Ħalliel tal-Ġżira" u tal-aħħar żjara tar-re tal-Ingilterra.

Stenbħet ġo fik ir-ruħ ta' Karavaggio.
Stagħġeb u għal ġidek medd idejh ir-Rgħibi
Ħalliel tal-Gżira. Il-qima,
Lilek fil-qlub qadima,

L-ikbar Sultan il-bieraħ ta. Ja Dwejra
il-lum li xjieħt għall-Fidwa għandek is-Setgħa
id-Dinja tgħaqqad miegħek
fl-Isem ta' Kristu u tiegħek.

(*Jissokta*)

ĠUŻÈ AQUILINA.

# INĦOBBOK, VJOLA!

Inħobbok, vjola!
għaliex il-lbies li bih narak sabieħa
jaqbel mal-lbies ta' qalbi
ħiemda, ħienja w mistrieħa.

Tferraħni, vjola!
xħin nilmħek, ċkejkna, tlewwen wiċċ il-qiegħa,
għax tqanqal fiha l-ħajja
tal-jiem sbieħ tar-rebbiegħa.

Tgħaxxaqni, vjola!
meta narak fil-weraq mistoħbija,
għaliex inxebbħek tfajla
bi ġmielha stess mistħija.

Ingħożżok, vjola!
m'hux lewnek biss w il-benna ta riħitek
jiġbduni w isaħħruni,
togħġobni wkoll ċkunitek.

Inħobbok, vjola!
w inħobbok aktar ferm mill-ward ta' mejju;
tħennini wisk fwiħitek
aktar mix-xamm tal-plejju.

Togħġobni, vjola!
aktar mill-qronfol daqs id-demm ħamrani,
aktar mill-ward tal-ġizi
daqs it-tajjar bajdani.

Għax vjola, meta nsieħlek!
inħoss ġo qalbi jidwi w iħenniha
isem min ħadli 'l qalbi
fil-milja tar-rebbiegħa.

KARM. VELLA

Fl-ewwel jum tar-rebbiegħa
1933

# QLUB MIFRUDA

Il-villa ma kellha xejn li jolqtok, jekk din il-ħaġa li tolqtok għal villa ma kenitx dina: li ma tingħażilx, la fid-daqs, la fit-tifsila, mid-djar imsejkna li kienu maż-żewġ naħiet tat-triq ta' dak il-pajjiż Frijulan, maqsum salib minn żewġ ferqât kbar biex juru lin-nies fuq fuq in-naħa ta' l-erbat irjieħ. Kellha il-lewn irmiedi tad-djar ta' ma' ġenbha, it-tiċpis tat-tajn imtajjar mill-karrozzi, il-kisja tat-trab li l-ewwel l-ilma jwaħħal mal-ħitan bħal qoxra u li mbagħad il-kesħa u s-sħana jxoqquha, waqt li fl-art saret bħal frenża ta' ħaxix aħdar kollha ħotob, u ma' wiċċ l-art, sewwa sew fuq ix-xifer tal-ħondoq, it-tikħil imxaffef ħalla jidher, minn bejn ħanek aħmar mitfi, il-ġebel mittiekel.

Xejn mela li jolqtok f'din il-villa tal-witgħa frijulana, u dan kien tassew hekk li wieħed ma kienx jintebaħ biha mit-triq. Is-sabiħ kien meta kont terġa' l-ura fiha wara li tkun ilek nieqes ftit jew wisq fit-trunċieri bejn il-Vippacco u d-daħla ta' Doberdò, u iżjed għax ħafna, wara li kienu jkunu raqdu u strieħu u rtabtu f'dawk il-kmamar mal-ħajja, ma kenux jerġgħu jidħlu fiha. Min għax ikun mar l-isptar midrub, jew marid, jew id-dinja l-oħra fejn kont tista' tittama għall-inqas li ma jsemmux aktar gwerra.

Minn mogħdija twila kont tidħol fil-ġnien u minnu fil-villa li kienet magħmula minn bini fin-nofs u minn bini fiż-żewġt iġnub, imnejn kont tista' tara l-għelieqi sal-ħotob ħodor tal-Karso. Kienet turik x'kienet minnha nfisha dar siekta, kollha arja, sabiħa ta' sid li ried joqgħod ma' ġenb l-oqsma tiegħu.

Sidha u martu, ma' l-ewwel ħoss tal-kanuni kienu telqu, ma għandniex xi ngħidu, iżda ħallew warajhom ix-xbihat daħkana tagħhom l'hawn u l'hemm fil-kmamar, bħal kieku biex juru li huma għadhom hemm. F'ġenb wieħed tal-bini kienet toqgħod il-familja tar-raġel li kien jagħmel mill-oqsma tagħhom, b'għadd ta' tfal ta' wara xulxin, bniet u subien, imqassma b'għaqal skond sninhom bħala xhieda ta' mħabba li ma kienet naqset qatt. Tliet subien kienu qegħdin jitqabdu fl-eżerċtu awstrijak u, li kieku wieħed kellu jdur dawra mal-kmamar kien jilmaħ ix-xbihat tagħhom u taħt kull wieħed bukkett ward: dan bil-libsa ta' kaċċatur, dan ta' Ussaru, dan ta' Ulan; żgħażagħ sbieħ li baqgħu ixerrdu daħka ta' żgħożija mad-dar fejn kienu twieldu u fejn ommhom u ħuthom kienu jaqdu bi ħlewwa kbira l-fizzjali u s-suldati taljani, la darba kellhom jilqgħuhom. X'kienu jħossu qalb dak it-tislim u t-tbissim lejna ħadd ma kien jista' jobsor. Darba waħda l-omm, li aktarx kienet qrat f'għajnejja l-imħabba

kbira tiegħi, ħaditni quddiem ix-xbihat ta' wliedha u qaltli waqt li għaqqdet idejha.

"Meta sejra tieqaf din l-imbierka gwerra?"

U jien, malli smajt dak il-leħen ta' omm muġugħa, u ħarist ġewwa dawk il-għajnejn li f'daqqa waħda kienu ntlew biddmugħ, xejn ma għamilt ħlief għafastilha idejha u ħsibt li l-gwerra ħadd ma kien seħethà b'daqshekk ħlewwa bħal din il-mara li kienet sejħitilha mbierka u tibki.

*  *  *

Kull darba li kont nerġa' l-ura, wara li kien imissni mmur fit-trunċiera, l-ewwel żjara kienet lill-familja tal-kaddej li għal kull wieħed minna kienet qisha l-familja tiegħu. Il-bniet kienu jgħidu "wasal is-sur tenent" u jħalluk toħodhom labranzetta fejn kienu jżommu l-inbid u hemmekk wieħed kien ikollu jgħid kull ma kien bata u jisma' l-mistoqsijiet fuq kullħadd, għax moħħhom kien mimli b'ismijiet u minn dawn xi drabi kien ikollok tħassar xi wieħed bħal fuq xi lavanja. U t-tenent Dard? Mejjet. Il-kaptan Aloisio? Mejjet hu wkoll. U dan? u l-ieħor? min mejjet, min midrub, min mitluf. L-ewwel jum konna ngħadduh hekk: inqiegħdu flokhom il-mejtin u l-ħajjin.

U intom, għidulna ftit, min kellkom urajna?

L-ewwel, it-tieni taqsima tal-granatieri, imbgħad il-kmand tas-sitt taqsima tal-bersaljeri.

Żfintu? Għannejtu?

Iva. Mela lè? Ixxalajna ħafna.

Tajjeb, waqt li aħna konna hemm fuq.

Iżda aħna tlabna ħafna għalikom.

Sewwa; tiżfen, tgħanni u titlob.

Issa inti trid tniggeż.

Lè, iżda jien ingħidha kif inħossha.

Il-ftit għejra, għal dawn il-ħafna żgħażagħ li waqt li aħna konna neqsin ġew isaħħnu dawn it-tfajliet, il-ftit mibegħda kienet tgħaddi wkoll. Kif kienu hekk ferħana fuq il-kanapè miksi b'xoqqa minsuġa ward u kif kienu hekk ħdejna malajr ħfirna lil min kien bgħid minna.

Xi drabi d-damdim tal-kanun kien jasal sa dik il-kamra ċkejkna bejn it-tfaqqigħ ta' daħk u ċ-ċekċik ta' tazzi.

U kif kien dak il-bersaljer ixqar li mess qalb is-sinjurina Valentina?

Mhux minnu. Inti q'ed taqla' minn żniedek.

Tabilħaqq, kien granatjer ismar.

Jekk tibqa' sejjer hekk, immur.

Valentina kienet issaħħrek bil-geddum. Dak il-ħin jien kont niġbidha waqt li kienet sejra tqum u hi terġa' taqa' fuqi. Ħutha kienu marru.

Għaliex kont hekk qalbek ħażina għaxar minuti ilu?

Biex int tkun iżjed ħelwa għaxar minuti wara......

X'iblah fik!

Kif? int qegħda tgħajjar fizzjal taljan? Inħarkek lill-korti tal-gwerra!

Ħarrikni kemm trid. Għandi ħafna min jaqbeż għalija. Aħseb ftit... il-kurunell......

Biex ma nismagħhiex issemmi għadd kbir ta' kapijiet, kont insoddilha ħalqha u nfittex nuriha li wieħed sottotenent biss, kif u fejn kont jien, seta' jagħleb qabda ġenerali.

* * *

Kienu jiem li fihom il-ferħ ta' minuta kien idub bħal sigarrett, għax fuq il-għatba tal-mewt il-jeddijiet tal-ħajja kienu marsusin minn għaġla ta' niket. Ftit sigħat oħra u, min jaf, kollox ikun mitmum. Fuq magħqad ġewwa l-ġnien f'rokna dellija —kienu jinstemgħu ġejjin mill-kċina leħnijiet u ħoss ta' platti— weħidna u aktarx ħiemda konna nisimgħu d-damdim dejjem sejjer tal-kanun u minn bejn ix-xeblik tas-siġar kienet tidher dija bajda, ħażż ċkejken fuq il-kisja sewda tal-lejl, u kienet tidher hekk qrib li donnha sulfarina mixgħula mitfugħa ftit il-hemm mis-siġar. Dak il-ħin hija kienet tgħidli: "X'inti taħseb?" Jien kont inweġibha: "U int x'inti taħseb?" Iżda t-tnejn konna nkunu ħsibna ħaġa waħda li ma kenitx tista' titfisser.

Wasal Mejju tal 1917. Kienet ilha ħafna tiġri x-xniegħa tattluq tal-qatgħa tagħna għal ħabta kbira li kellha tifthilna l-aħħar it-triq għal Trieste. Għal ħafna jiem il-kanun ma kellux heda: l-ajruplani kienu jinżlu fost ħsejjes waħxin fuq il-pajjiż il-ljieli kollha. "Alla tiegħi, Imbierek Mulej"—kienet tgħid imbikkija x-xiħa—li kont nista' ma nismax iżjed dawn il-ħsejjes, ikolli kantina, għar fejn nindifen u ma nisma' xejn iżjed. Inħossni qegħda niġġennen.—Valentina kienet issaqsini iżjed b'għajnejha nkella b'leħinha: Meta?—Jew għada— jew dal-lejl. Tiġi ssellimli? Int tkun rieqda. Għada filgħodu jiġu oħrajn jatuk il-jum ittajjeb: granatjeri, min jaf, bersaljeri, artiljeri, ġenji... U kont

nieqaf biss meta kont naraha tibki. Iżda dan ukoll kien għaliha ta' wġigħ. Bħal kieku rajtha tidħak.

Tabilħaqq qalb dan it-taħwid kollu ma kontx tifhem ħlief dan: li l-ħajja tgħajjat u tolfoq meta jridu jeħduha qabel żmienha.

U lejla waħda, waqt li jien kont ma' Valentina fil-kantina jinstema' tkaxkir ta' suldati fil-bitħa. Nittawwal: nara l-qatgħa tal-qalbenin jitqassmu kwadrat. Imbagħad kmand xott iwaqqafhom jistennew. Il-ġeneral wasal. Irqiq u nervus iħares fiss lejhom wieħed wara l-ieħor u jdurhom kollha. Imbagħad jieqaf f'nofshom saqajh imfettħa, idejh marbuta. Jiena li naf x'leblieba għandu l-kap tiegħi biex jitkellem, qgħadt inħares biered. Beda bħal drabi oħra ifakkarhom fid-dmir, fil-kobor tat-tbatija; imbagħad beda jgħolli leħnu u jsemmi fuq il-ħabta li kellha ssir dalwaqt. U f'daqqa waħda leħnu jfaqqa': "Tieqfux ma' l-ewwel rebħa! Ibqgħu iġru warajhom. Warajhom bil-bajjunetti, bl-istalletti, bil-bombi. Oqtluhom mingħajr ħniena. Ir-rebħa tkun tagħna!" F'ħin wieħed il-kamra ntliet b'ilfieq ta' dwejjak kbar.

"It-tfal tiegħi" bdiet tgħajjat l-omm u xxejjer idejha. "Ħutna" igħajtu magħha l-bniet imbikkija kollha ma' dwari u egħdewwa tiegħi f'daqqa waħda. Valentina wkoll bdiet tħares lejja ikraħ u tgiddem il-maktur.

Isktu. Isktu, tħalluhomx jisimgħukom, bdejt nitlobhom imħawwad u nifsi maqtugħ.

Anqas ma tista' tibki? werżqu l-koll. Ġrejt lejn it-tieqa, għalaqtha u bdejt inħares lejhom b'ħarsa li tbeżża'.

Mela tridu jaqbdukom ?

Għal ħin wieħed beżżajthom, iżda għal ftit ma bdejtx nistħi mill-ħruxija tiegħi. Valentina, għat-talba tiegħi ħalli nerġgħu nissewwew, refgħet spallejha u ħarbet.

Qbadt minn qaddha l-omm u ħriġtha mitlufa fil-biki. Iva, kollox kif għedt int. Iskot. Iżda trid immela li t-tfal ikunu sewwa sew quddiemna? Iva kollu minnu. Iva biżżejjed. Taf li jien inħobbkom. U mbagħad dak kollu kliem, taf. Huma wkoll dawk il-qalbiena għandhom ommhom bħall-oħrajn.

Kelli l-ħila noħodha fil-kamra fejn iżżomm ix-xbihat ta' wliedha. Ridt inqegħidha bil-qegħda. Lè, l-ewwel riedet tarahom mill-ġdid, imbagħad qagħdet. Iżda l-lfiq kien donnu jrid jaqsmilha sidirha. Kont sejjer naqa' għarkobtejja għax, f'daqqa waħda ġiet f'moħħi ommi l-mejta, u għedtilha li t-tfal tagħha kellha tarahom, għax hekk kont naħseb, għax il-gwerra kellha tieqaf ma ddumx; bdejt inġibilha ħafna raġunijiet mingħajr tgħaqqid, bla ma jiftiehmu, għadd kbir ta' "għax" li bdiet titbissimli fost id-dmugħ.

Bqajt nitkellem fuq in-niket, id-dmirijiet koroħ li l-koll kellna, u, min jaf, mingħajr ma ntbaħt leħni beda jogħla u jagħleb din l-imsejkna mara li bdiet tħares lejja, mibluha u ġwejda. Waqaft, miġbud mid-dawl ta' dawk il-għajnejn hekk ħelwa u siekta.

Fehmitni? Bdiet tifhem? Qabditli idi u qegħditha fuq sidirha mingħajr ma waqfet tħares lejja: "Xejn sinjur, iżda qalbi ferħana."

A. STANGHELLINI

*Miġjuba bil-Malti minn* A. VALENZIA.

# KTIB U TWEĠIB TA' ITTRI

*(Jorbot mal-faċċ. 16, Nru. 25)*

Fit-23 ta' Jannar 1933 il-Kumitat reġa' kiteb lir-Rettur u talab tweġiba għall-ittra tas-16 ta' Novembru 1932.

U fil-31 ta' Jannar 1933 ir-Rettur wieġeb u qal: 1. Li ma għandu xejn x'ibiddel mill-ittra tiegħu tal-10 ta' Novembru 1932 lill-President tal-Għaqda. 2. Li hu jgħożż it-tagħlim tal-Malti, sewwa jekk inhu djalett sewwa jekk inhu lingwa, u li hu ma jindaħalx fil-fehmiet tal-kittieba fuq dil-ħaġa, iżda ma jemmen qatt li t-tagħlim tal-Malti għandu bżonn li tiddefendih il-Għaqda jew ħaddieħor, aktar u aktar meta din id-difiża tista' tiftaħ għal ħaddieħor il-bieb għall-ġlied *(might give to others the pretext of violent and unjust attacks).* 3. Li l-Għaqda mhix istituzzjoni tal-Università *(University institution)* u għalhekk hu ma jistâx igħaddi *(approve)* l-ittra li nbagħtet lill-Ministru tat-Tagħlim fl-4 ta' Novembru 1932. 4. L-anqas il-Ġemgħa tal-illawrjati kollha, li tagħmel il-laqgħat tagħha fl-Università, qatt ma ppretendiet li hi istituzzjoni tal-Università.

Għal din l-ittra l-Għaqda fit-8 ta' Frar 1933 wieġbet hekk: Għalkemm ir-Rettur ma jemminx li l-Malti għandu bżonn li tiddefendih il-Għaqda, għandu jiftakar li l-Għaqda ġiet imwaqqfa biex tmexxi l-kitba tal-Malti u ma tħallix li l-Malti jitħassar, u li r-regolamenti kollha tal-Għaqda kienu mgħoddijin minnu, u li hu *accetta* li jkun President onorarju. Il-Għaqda dejjem riedet it-tagħlim tal-Malti għalih in-nifsu bla ma ħarset qatt lejn fehmiet ta' politka u bla ma fetħet b'idejha ebda bieb għall-ġlied. Ma tistâx id-difiża tal-lsien Ingliż jew Taljan tiftaħ il-bieb għall-ġlied?

Mela, skond il-fehma tar-Rettur, anqas il-Għaqda tal-Ingliż u tat-Taljan ma jistgħu jibqgħu iżjed fl-Università. Jekk ir-Rettur ma jaqbelx mal-Għaqda fuq il-protesta li nbagħtet lill-Ministru tat-Tagħlim fl-4 ta' Novembru 1932, b'daqshekk biss ma jistâx igħid li l-Għaqda mdaħħla fil-polîtka. F'dik il-protesta l-Għaqda semmiet biss fatti u fissret li trid tkun miżmuma bħalma huma miżmumin il-Għaqdiet tal-Ingliż, tat-Taljan u tal-Latin u li jkollha l-istess privileġġi li għandhom huma; u għalhekk dak li qal ir-Rettur fuq il-Ġemgħa tal-lawrjati ma għandux x'jaqsam magħna. Jista' jkun li t-twegħir kollu ġejj minn hawn: li r-Rettur daħħalha f'moħħu li l-Għaqda trid tgħodd ruħha bħala istituzzjoni tal-Università [ingħidu aħna bħalma hu l-Kunsill]. Iżda l-Għaqda qatt ma kellha dil-fehma; hi trid *biss* li tkun magħduda daqs il-Għaqdiet l-oħra tal-Ingliż u tat-Taljan. Fl-aħħar il-Kumitat tal-Għaqda jaraha ħaġa xierqa għal kulħadd li l-ittri kollha jidhru f'*Leħen il-Malti.*

Fit-18 ta' Frar ir-Rettur permezz tas-Segretarju wieġeb u qal li hu joqgħod għall-kelma li tajnieh, jiġifieri li l-Għaqda hi mwaqqfa għat-tagħlim tal-Malti biss, u għalhekk hu jittama li għalli ġej il-ħedma tal-Għaqda timxi dejjem b'dil-fehma biss. U żied igħid li l-Għaqda tal-Malti mhix bħal l-Għaqda tal-Ingliż u tat-Taljan għax dawn qatt ma qalu li huma istituzzjoni tal-Università bħalma dehrilha li hi l-Għaqda tal-Malti bl-ittra li bagħtet lill-Ministru tal-Tagħlim fl-4 ta' Novembru. Fl-aħħar qal li mhux biħsiebu jwieġeb aktar l-ittri tagħna.

Wara din l-ittra l-Għaqda żżiet ħajr lir-Rettur tal-fehmiet tajba li wera lejha iżda fakkritu wkoll li l-Għaqda tal-Ingliż hi magħrufa bħala Għaqda tal-Università (recognised as a properly constituted representative University Society), u għalhekk meta l-Għaqda tal-Malti, magħmula mill-istess studenti u bl-istess regolamenti tgħid li hi Għaqda tal-Università tkun miexja fl-istess triq tal-Għaqdiet l-oħra.

---

# KOTBA LI BAGĦTULNA

*Tagħlim żgħir fuk il Cotba tal Bibbja*, Nûmri 2 u 3, minn Alf. M. Galea. The Empire Press, 1933. Żewġ kotba żgħar ta' 24 faċċata l-wieħed mimlijin kollha tagħlim sabiħ u ħafif fuq il-Kotba Mqaddsa. Nixtequhom f'idejn kullħadd.

## ABBONAMENT

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn
Malta id-doppju.